MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Numru. 22/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Tony Pace**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tony Pace detentur tal-karta tal-identita` numru 67680(M).

Akkuzat talli:

F’dawn il-Gzejjer, fit-12 ta’ Frar 2008 jew fil-jiem ta’ qabel, ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir

b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Frar 2008, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-ewwel tlett akkuzi kif dedotti kontrih biss stante li r-raba' akkuza giet irtirta mill-prosekuzzjoni, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 115(c), 42, 185 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Tony Pace hati tal-ewwel tlett akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qed tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 119 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi u tikkundanna lill-istess imputat interdizzjoni perpetwa, kif ukoll interdizzjoni milli l-imputat jservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------